9 ta' Jannar, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Joseph Stivala *versus* Prof. Joseph Colombo, A. & C.E.

**Preskrizzjoni — Danni — Perit — Ħsara tal-Gwerra — Art. 2258, 2261 (f) u 2242 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni għal danni li ma jkunux kaġunati b'reat hija applikabili biss fil-każ ta' danni indipendenti minn obligazzjoni kontrattwali; u għalhekk mhix applikabili għall-azzjoni ta' danni kontra perit arkitett li jkun assuma l-inkariku li jagħmel dak kollu li hu meħtieġ għar-rikostruzzjoni ta' bini; u billi f'każ simili si tratta ta' kreditu li mhux dikjarat mill-liġi bħala suġġett għal xi preskrizzjoni oħra, hija applikabili fil-każ*

*il-preskrizzjoni ta' ħames snin.*

*Din il-preskrizzjoni, bħall-oħrajn, tibda tgħaddi mill-ġurnata li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata: u meta si tratta ta' rikostruzzjoni ta' bini bi spejjeż tal-War Damage Commission, dak il-mument mhux dak meta jkun spiċċa x-xogħol tar-rikostruzzjoni jew l-inkariku tal-perit, imma dak meta, wara li tkun innotifikat li ċerti xogħlijiet ma ġewx approvati u li m'humiex seirin jiġu kalkulati għall-finijiet ta' l-indennizz, dik il-Kummissjoni tawtorizza l-"final settlement".*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur, li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, billi l-konvenut kien inkarikat jieħu ħsieb ix-xogħol ta' riparazzjoni u rikostruzzjoni minħabba l-ħsara tal-gwerra tal-fondi 40 u 41. Third Street, 60 Church Street, Misida, u 5, Gżira Square, Gżira; u billi l-konvenut ma eżegwiex l-inkariku lilu mogħti fil-limiti prefissi mill-attur, billi fir-rikostruzzjoni ta' kamra fuq il-bejt tal-fond 41 Third Street, Misida, ordna xogħol f'ammont akbar minn dak miftiehem, b'mod illi l-attur sofra deduzzjoni mill-War Damage Commission ta' £63. 18. 0; u billi l-konvenut, wara dina d-deduzzjoni, irrifjuta li jagħmel il-verifiki neċessarji sabiex jinkiseb kumpens ieħor, tant li l-attur kellu jagħmel spejjeż oħra sabiex jakkwista kumpens addizzjonali ta' £17. 5. 0; u billi l-attur, fuq parir u assikurazzjoni da parti tal-konvenut, għamel spiża ta' ċirka £14 li kellha tiġi rifuża mill-War Damage Commission, skond il-konvenut, imma dina s-somma ma ġietx rifuża u baqgħet għak-kariku ta' l-attur; u billi l-konvenut qiegħed jinsisti sabiex jitħallas tad-dritt professjonali tiegħu, avvolja l-konvenut ma qediex sewwa l-inkariku tiegħu, u bl-aġir tiegħu arreka danni lill-attur; talab li (1) jiġi deċiż u dikjarat illi l-konvenut, fl-inkariku lilu mogħti mill-attur, ma esegwiex sewwa l-inkariku tiegħu, u bl-aġir tiegħu kif fuq espost, u kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, huwa arreka lill-attur danni li tagħhom huwa responsabili; (2) li dawn id-danni jiġu likwidati, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi; (3) li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma tad-danni hekk likwidati. Bl-imgħax legali. Salv id-dritt tal-kompensazzjoni fl-ammont entranti ma' l-ammont eventwal-

ment dovut lill-konvenut għal drittijiet professjonali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Marzu 1950, kontra l-konvenut, inġunt minn issa għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta (1) li d-domandi huma preskritti, peress li l-inkariku illi li ġie eżegwit aktar minn sentejn; u mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel eċċezzjoni, (2) li d-domandi huma infondati, billi l-konvenut mhux responsabili ta' ebda waħda mill-pretensjonijiet dedotti fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni, u għamel dmiru sewwa;

***Omissis;***

Ikkunsidrat, dwar il-preskrizzjoni ta' sentejn eċċepita mill-konvenut in bażi għall-art. 2258 (Kodiċi Ċivili). Skond dina d-dispożizzjoni, "l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux kaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn". Dina l-preskrizzjoni, skond il-ġurisprudenza kostanti, hija applikabili biss fil-każ ta' danni indipendenti minn obligazzjoni kontrattwali. Issa, fil-każ taħt eżami, bejn il-kontendenti kien hemm rapport kontrattwali, fis-sens li l-konvenut ġie mqabbad fil-kwalità tiegħu ta' perit arkitett biex jagħmel dak kollu li kien meħtieġ in konnessjoni mal-bini in kwistjoni. Veru huwa li si tratta ta' prestazzjoni ta' opera mhux materjali; iżda tant jekk dina tiġi kunsidrata bħala "locatio operarum", kemm jekk tiġi kunsidrata bħala mandat (kif donnha hija l-fehma tal-leġislatur tagħna, skond l-art. 1961 u 1970 tal-Kodiċi Ċivili), jibqa' dejjem veru li si tratta ta' kuntratt (art. 1712 u 1958 Kodiċi ċitat). Għaldaqstant issir applikabili l-preskrizzjoni relativa għall-obligu naxxenti mill-kuntratt determinat (Kollez. XXIX—II—581; XXVIII—I—726). U peress li si tratta ta' kreditu mhux dikjarat soġġett għal preskrizzjoni oħra, jaqa' taħt il-preskrizzjoni ta' ħames snin kontemplata fl-art. 2261 (f) tal-Kodiċi ċitat;

Ikkunsidrat, dwar il-preskrizzjoni kwinkwennali, eċċepita mill-konvenut b'mod alternativ. Dina l-preskrizzjoni, bħal l-oħrajn, tibda tgħaddi mill-ġurnata li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (art. 2242 Kodiċi Ċivili). Għalhekk jeħtieġ jiġi eżaminat meta jista' jsir dan l-eżerċizzju. Dan iż-żmien, skond id-dottrina, hu dak li fih tkun twieldet l-obligazzjoni, u li fih

ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali. Igħid il-Laurent :— "La prescrizione delle azioni personali comincia dal momento in cui le azioni nascono, poichè è egli in ragione della durata dell'azione che la legge la dichiara estinta; dunque da quando vi è azione vi è luogo a prescrizione. E quando vi è azione? L'azione è il diritto esercitato giudizialmente, ed il creditore può agire giudizialmente dal momento che l'obbligazione è nata.............. Da ciò il principio che il corso della prescrizione comincia colla nascita della obbligazione" (Diritto Civile, Vol. XXXII § 16). Ta' l-istess fehma hu Baudry (Diritto Civile, Prescrizione, §§ 380, 381 u 384). Identika hija anki l-interpretazzjoni tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXVIII—I—726):

Illi, fid-dawl ta' dawna l-prinċipji, għandu għalhekk jiġi eżaminat meta twieldu l-obligazzjoni tal-konvenut u d-dritt ta' l-attur li jaġixxi kontra tiegħu. Dana l-mument kien meta l-War Damage Commission, wara li nnotifikat lill-attur li ċerti xogħlijiet ġew minnha diżapprovati u mhux kalkolati għall-finijiet ta' l-indennizz, awtorizzat il-ħlas tas-saldu ("final settlement") ta' dak l-indennizz. Minn dak inhar l-attur seta' jkun jaf bin-nuqqas u jaġixxi kontra l-konvenut. Issa, b'ittra uffiċjali tal-31 ta' Marzu 1950 (fol. 15) l-attur interpella lill-konvenut jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni li sofra minħabba fl-aġir tiegħu; u għalhekk irid jiġi eżaminat jekk san-notifika ta' dik l-interpellazzjoni kienux għaddew ħames snin. Mill-provi rriżulta li l-awtorizzazzjonijiet tal-ħlas tal-"final settlements" lill-attur kollha saru qabel ma għalqu ħames snin; jiġifieri wara l-31 ta' Marzu 1945;

Illi mhix aċċettabili l-pretensjoni tal-konvenut li l-preskrizzjoni bdiet minn mindu x-xogħol materjali tar-rikostruzzjoni tal-fondi spiċċa; għaliex l-inkariku tal-konvenut kien jikkomprendi mhux biss dak li jibgħat il-kontijiet ta' l-spejjeż lill-imsemmija Kummissjoni, iżda anki dak li jiddefendi x-xogħol minnu dirett quddiem dik il-Kummissjoni, u dan ma kienx jista' jsir qabel ma jkun hemm in-notifika tal-parti tax-xogħol diżapprovata mill-Kummissjoni;

Illi lanqas tiswa l-pretensjoni tal-konvenut li ż-żmien tal-preskrizzjoni għandu jibda minn meta hu spiċċa mill-inkariku; għaliex, apparti dak li fuq ingħad rigward il-possibilità ta' l-azzjoni, ġa ladarba ma ġietx preċiżata l-ġurnata li fiha dak l-inkariku spiċċa, għandu jiftiehem li din kienet meta l-konvenut bagħat il-kont tad-drittijiet tiegħu lill-War Damage Commission; u anki f'dan il-każ, skond id-dati riżultanti mix-xhieda tal-P.L. Fortunato Ellul, ma jirriżultax li l-preskrizzjoni kienet laħqet għaddiet qabel saret l-imsemmija it-ra ufficjali;

Illi, fl-aħħarnett, ta' min jirrileva li l-inkariku lill-konvenut kien uniku għall-fondi kollha in kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-preskrizzjoni ta' sentejn u ta' ħames snin, eċċepita mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tal-20 ta' Frar 1953, biex titkompla fil-meritu.